MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 131/1999/1

Raymond u Josephine konjugi Vella

vs

Emmanuel u Catherine konjugi Buttigieg, Brian Magro u Joseph Cauchi u b'digriet moghti fit-28 ta' Frar 2008 l-atti gew trasfuzi f'isem Raymond Buttigieg f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-imsiefer Joseph; Michael, Karmenu, Guza mart Karmnu Magro, u Giovanna mart Joseph Xuereb ilkoll ahwa Buttigieg wara l-mewt tal-konvenut Emmauel Buttigieg.

Il-Qorti,

**Molestja Gravi – Hazna ta' cilindri tal-gass biswit djar residenzjali.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-2 ta' Settembru 1999 li permezz taghha l-atturi ppremettew li:

L-atturi u l-familja taghhom ighixu fil-fond Aphrodel, Triq it-Torri ta’ Gorgun, Xewkija, Ghawdex.

Il-konvenuti jezercitaw negozju relatat mal-bejgh tac-cilindri tal-gass u fil-fatt jissuplixxu d-domand ta’ nofs Ghawdex b’dan il-gass.

Ricentement u illegalment, bdew izommu hazna intiera ta’ dawn ic-cilindri, li jikkonsistu f’eluf ta’ tunellati ta’ gass, f’ghalqa fil-kontrada ta’ Gorgun, limiti tax-Xewkija, Ghawdex imsejha tal-Kanal ta’ cirka mitejn u tmenin metri kwadru (280mk) li tmiss mill-punent ma’ beni ta’ Salvu Haber, mit-tramuntana ma’ beni ta’ Carmelo Azzopardi u min-nofsinhar ma’ triq Chev. Lorenzo Zammit Haber.

Din l-art fejn qed jigu mahzuna dawn ic-cilindri tinsab boghod biss ftit metri mid-dar ta’ abitazzjoni, b’mod li kif jifthu l-bieb ta’ barra isibu l-ghalqa quddiemhom.

Fil-fatt din l-ghalqa qeghda fil-mekka ta’ wahda miz-zoni residenzjali tar-rahal tax-Xewkija.

L-attur minhabba f’dan l-att u agir tal-konvenuti gew assoggettati ghal perikolu kontinwu, gravi u reali, li jikkonsisti f’li huma u l-familji taghhom qed ikunu mhedda kull hin u kull mument mill-periklu manifest, specjalment il-periklu ta’ spluzjoni, li joholqu bl-aktar mod ovvju dawn ic-cilindri.

Fil-fatt wiehed jista’ jghid illi l-periklu tant hu ovvju, li jekk jigix imnehhi dan ikun jikkostitwixxi gus kontra l-proprjeta ta’ l-atturi u f’dak li ghamlu l-konvenuti naqsu serjament l-obbligi taghhom tal-buon vicinat.

Ghalhekk din il-hazna ta’ cilindri ta’ gass qed tohloq periklu ghall hajjet l-atturi u wliedhom kif ukoll ghall-proprjeta’ immobbli taghhom.

L-attur minhabba din il-hazna ta’ cilindri ta’ gass ser isofru molestja gravi u nkonvenjent fid-drittijiet personali taghhom.

L-atturi ghandhom kull dritt li jehilsu l-proprjeta’ taghhom minn kull periklu li jista’ jheddidha.

L-atturi ma jridux li jkomplu jsofru mill-periklu ikkawzat minn dan il-magazzinagg illegali ta’ cilindri ta’ gass.

Permezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 21/1999 fl-ismijiet **Raymond Vella et vs Emmanuel Buttigieg et** l-atturi ottjenew l-ispedizzjoni ta’ l-opportun mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront tal-konvenuti sabiex ma jkomplux jahznu cilindri tal-gass kemm mimlija kif ukoll vojta fl-ghalqa msemmija, qrib id-dar taghhom.

Talbu l-atturi sabiex il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddecidi li l-periklu kkawzat minn dawn ic-cilindri tal-gass huwa ta’ molestja ghad-drittijiet ta’ l-atturi, u dan kemm ghad-drittijiet li huma ghandhom bhala persuna, kif ukoll id-drittijiet fuq il-proprjeta’ immobiljari taghhom.
2. Tordna lill-konvenuti sabiex inehhu kull molestja li huma setghu ikkawzaw b’din il-hazna ta’ cilindri tal-gass u jnehhu ghal kollox kull periklu kemm ghal proprjeta’ immobbli, kif ukoll ghal persuna ta’ l-atturi.
3. Konsegwentement tinibixxi lill-konvenuti minn li jzommu u jahznu jew huma personalment jew permezz ta’ terzi, cilindri tal-gass f’dik il-parti imsemmija u dan sabiex ikun salvagwardjati u protetti d-drittijiet ta’ l-atturi fuq imsemmija.
4. Taghti kull ordni ohra li fic-cirkostanzi jidrilha xierqa ghal protezzjoni tad-drittijiet tal-atturi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fl-4 ta’ Ottubru 1999 (fol. 11) li permezz taghha l-konvenuti eccepew li:

1. Preliminarjament illi l-konvenut Emmanuel Buttigieg ma ghandu ebda interess fil-meritu ta’ din il-kawza billi la huwa l-propjetarju ta’ l-art imsemmija fic-citazzjoni u l-inqas ghandu xi interess fin-negozju tal-hazna u tqassim tal-gass.
2. Preliminarjament hemm in-nullita’ tac-citazzjoni minhabba nuqqas ta’ integrita’ tal-gudizzju billi l-atturi qed

jagixxu dwar proprjeta' appartenenti lilhom u lil terzi. Fi kwalunkwe kaz iridu jipprovaw d-drittijiet fuq il-proprjeta' immobli msemmija fl-ewwel talba.

3. Preliminarjament ukoll ir-raba' talba hijia irrita u nulla billi ma hux legalment korrett li wiehed jaghmel talbiet generici sabiex il-Qorti taghti ordni minghajr ma jippreciza x'inhi dik l-ordni. Dan ikun ta' pregudizzju ghall-konvenuti ghaliex ipoggihom fl-impossibilita' li jwiegbu ghall-istess domandi.

4. Illi preliminarjament ukoll hemm in-nullita' fit-talbiet attrici billi ma hux legalment possibili li wiehed jottjeni l-perpetwazzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni. Mandat kawtelatorju ghandu jigi segwit b'citazzjoni sabiex tikkonferma l-jedd li minhabba fih htieglu jigi spedit dak il-mandat mhux biex jipperpetwa l-istess mandat.

5. Illi fil-mertu din ic-citazzjoni ghandha tigi michuda ghaliex hija bbazata fuq fatti u presuppozizzjonijiet li fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni l-atturi kienu jafu li ma kienux minnhom. Dan ghaliex il-konvenuti ghadhom permessi validi mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti sabiex jaghmlu l-izvilupp mehtieg u jibnu bitha u anki sabiex juzaw l-istess bitha ghal-maggazinagg ta' cilindri tal-gas. L-atturi qed jahbu wkoll il-fatt li issa l-bitha illum tinsab mibnija skond kif awtorizzat mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju din ic-citazzjoni ghandha tigi michuda billi l-hazna tal-gas fic-cirkostanzi u bil-modalitajiet kif kellhom jigu ppratikati mill-konvenuti, ma hu ta' ebda pregudizzju ghall-proprjetajiet ta' l-atturi jew ghall-atturi nfushom. L-uzu li jrid jaghmlu l-konvenuti jinkawadra ruhu fl-ambita tad-drittijiet ta' propjeta' taghhom dwar l-art mertu tal-kawza.

Permezz ta' digriet moghti fl-10 ta' Dicembru 2003, il-Qorti hatret lill-Professur Alfred Vella bhala perit tekniku.
Rat ir-rapporti li ghamel il-Professur Alfred Vella (fol. 85, fol. 117 u fol. 158).

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 21/1999 fl-ismijiet **Raymond Vella et vs Emmanuel Buttigieg et** degretat fl-24 ta' Awwissu 1999.

Rat l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 12/1999 fl-ismijiet **Ludovico Curmi et vs Emmanuel Buttigieg et** degretat fl-24 ta’ Awwissu 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ April 2000 fejn inghad li *“il-partijiet jaqblu li l-provi li jingarbu f’din il-kawza u fil-kawza Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg numru 132/99 ghandhom jaghmlu stat ghal xulxin”* (fol. 24).

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg et (Cit. nru:- 132/1999AE) li qeghda tigi deciza llum.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Jannar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta’ Frar 2008 minn Raymond Buttigieg f’ismu proprju u bhala prokuratur ta’ l-imsiefer Joseph; Michael, Karmenu, Guza mart Karmnu Magro, u Giovanna mart Joseph Xuereb ilkoll ahwa Buttigieg li permezz tieghu talbu li stante l-mewt tal-konvenut Emmanuel Buttigieg fit-23 ta’ Ottubru 2001, l-atti jigu trasfuzi f’isimhom. Il-Qorti tilqa’ t-talba u tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kaz jittratta dwara hazna ta’ cilindri tal-gass f’art li tinsab fil-kontrada ta’ Gorgun, limiti tax-Xewkija, Ghawdex. L-atturi qeghdin jilmentaw mill-fatt li din il-hazna ta’ kwantita’ ta’ tankijiet ta’ gass qeghda taghti lok ghall-periklu *“…konsistenti f’li huma u il-familja taghhom qed ikun mhedda kull hin u kull mument mill-periklu manifest, specjalment il-periklu ta’ spluzjoni, li joholqu bl-aktar mod ovvju dawn ic-cilindri. Peress illi fil-fatt wiehed jista jghid illi il-periklu tant hu ovvju, li jekk ma jigix imnehhi dan ikun jikkostitwixxi gus kontra l-propjeta’ ta’ l-atturi u komunkwe b’dak li ghamlu l-konvenuti naqsu serjament mill-obbligi taghhom tal-buon vicinat. Peress illi ghalhekk din il-hazna*

*ta' cilindri ta' gass qed tohloq periklu kemm ghal hajjiet l-atturi u wliedhom kif ukoll ghal proprjeta immobbli taghhom"* (premessi fic-citazzjoni).

2. Fl-ewwel lok iridu jsiru certu osservazzjonijiet preliminari:-

(a) **<u>Nota prezentata fit-18 ta' Marzu 2005 ghall-hatra ta' periti perizjuri da parti tal-konvenuti</u>** (fol. 124) - ma jirrizultax li qatt inghata digriet dwar din it-talba. Nota li giet prezentata wara li l-perit tekniku pprezenta t-tieni rapport (fol. 117-123) u dan wara li fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2004 (fol. 110) il-Qorti estendiet l-inkarigu tal-perit tekniku u nkarigatu sabiex jiehu konjizzjoni tal-Avviz Legali 211 tal-2003 u jiddikjara jekk kellux x'izid ma dak li kien diga' rrelata. B'digriet moghti fit-12 ta' Settembru 2006 fl-atti tal-kawza **Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg et** (Cit. numru 132/1999AE), il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti ghan-nomina ta' periti perizjuri (f'dik il-kawza wkoll saret talba ghall-hatra ta' periti perizjuri). F'kull kaz ma jidhirx li kien hemm lok li jsiru iktar spejjez u jinhatru periti perizjuri. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li mill-atti u mill-access li sar fit-22 ta' Mejju 2007, jirrizulta li l-konvenuti diga' addottaw hafna mir-rakkomandazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku. Ghalhekk it-talba ghall-hatra ta' periti perizjuri qeghda ghal kull buon fini tigi michuda wkoll ghal finijiet ta' din il-kawza.

(b) **<u>Rikors prezentat fil-21 ta' Jannar 2008 mill-atturi</u>** li permezz tieghu qeghdin jitolbu li jittiehdu proceduri kontra l-konvenuti. Wara li l-Qorti rat ir-risposta prezentata mill-konvenuti fid-29 ta' Jannar 2008, ma tqiesx li hemm lok li jittiehdu provvedimenti ghalkemm qeghda twissi lill-konvenuti li s-sigurta' ghandha tkun prijorita' u ghandhom jizguraw li kazijiet simili m'ghandhomx jirrepetu ruhhom;

3. Fir-rigward tal-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti, il-Qorti ghandha dan xi tghid:-

(a) **Il-konvenut Emmanuel Buttigieg ma ghandu ebda interess fil-meritu ta' din il-kawza billi m'huwiex proprjetarju tal-art u lanqas ghandu xi interess fin-negozju tal-hazna u tqassim tal-gass**:- il-provi mressqa juru li l-interess hu tal-konvenuti Joseph Cauchi u Brian Magro. Mill-provi ma rrizultax li l-konvenuti Emmanuel u martu Catherine Buttigieg ghandhom xi interess fin-negozju. Anke l-permess mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar inhareg f'isem il-konvenuti l-ohra. Inoltre, fl-affidavit maghmul mill-attur, l-unici persuni li semma fir-rigward tal-attivita' li ssir fis-stie in kwistjoni, huma l-konvenuti Joseph Cauchi u Brian Magro. Dwar Emmanuel Buttigieg qal hekk: *"dik l-ghalqa jien minn dejjem nafa bhala ta' Emmanuel Buttigieg, kont narah go fiha u kont narah jahdem parti minnha (ghax parti ohra hija blata)"* (fol. 28). B'daqshekk ma jfissirx pero' li l-ilment ta' l-atturi kellu jigi ndirizzat ukoll fil-konfront tal-konjugi Buttigieg. Il-bazi tac-citazzjoni tal-atturi hi li *"l-konvenuti jezercitaw negozju relatat mal-bejgh tac-cilindri tal-gass u fil-fatt jissuplixxu d-domanda ta' nofs Ghawdex b'dan il-gass"*[1]. Fic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni hi gustifikata u ghalhekk ser tigi milqugha wkoll fil-konfront ta' Catherine Buttigieg.

(b) **Nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju ghaliex l-atturi qeghdin jagixxu dwar proprjeta' li tappartjeni lilhom u lil terzi**:- Kuntrarjament ghal dak li qeghdin isostnu l-konvenuti, il-gudizzju hu integru. M'hemmx dubju li l-atturi ghandhom certament sehem mill-proprjeta' u huma wkoll residenti fil-fond biswit is-site (fuq il-parti ta' wara) fejn qeghdin jinzammu c-cilindri tal-gass. Din hi azzjoni ta' *buon vicinat* li anke inkwilin ghandu dritt li jaghmel (ara per ezempju **Giuseppe Caruana vs Antonio Zammit** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' April 1961: *"meta l-inkwilin isofri molestja di fatto, hu jista' jagixxi kontra l-awtur tal-molestja"*). F'sentenza parzjali moghtija fil-kawza Vincent Agius proprio et nomine vs Mario Borg (28 ta' Marzu 2003), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2] gie osservat: *"Ir-ragjon d'essere ta' eccezzjoni ta'*

[1] Tieni paragrafu tac-citazzjoni prezentata mill-atturi.
[2] Imhallef Philip Sciberras.

*nuqqas ta' integrita tal-gudizzju tistrieh fuq tliet konsiderazzjonijiet principali: l-ewwel wahda hija li,* ***ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati****; it-tieni, sabiex tigi assigurata kemm jista' jkun l-effikacita` tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipaw fl-istess gudizzju; it-tielet, biex jigi rispettat il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jigu vinkolati biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha"* (enfazi tal-Qorti). Fil-kaz tal-lum mehud in konsiderazzjoni tat-tip ta' azzjoni li saret, il-Qorti hi tal-fehma li l-gudizzju hu integru u m'hemmx htiega li jiddahhal haddiehor. Din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

(c) **Ir-raba' talba hi irrita u nulla billi mhux legalment korrett li ssir talba biex Qorti taghti ordni minghajr ma jissemma x'inhi tali ordni**:- Eccezzjoni ohra minghajr bazi. L-atturi qeghdin jitolbu l-intervent tal-Qorti sabiex bhala residenti f'dawk l-inhawi jigu salvagwardjati l-interessi taghhom. L-atturi ghandhom kull dritt li jaghmlu talba simili u jhallu fid-diskrezzjoni tal-Qorti li timponi dawk il-kondizzjonijiet li tqies li huma xierqa sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tal-atturi bhala residenti. Anke din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

(d) **In-nullita' fit-talbiet tal-atturi ghaliex m'huwiex possibbli li jintalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in perpetwu**:- Hu minnu li mandat ta' inibizzjoni in perpetwu m'huwiex koncepibbli in kwantu l-kawza trid tkun dak ghall-jedd pretiz mill-attur. F'dan il-kaz il-jedd pretiz hu li l-konvenuti ma jahznux cilindri tal-gass fis-site in kwistjoni. Pero' fil-fehma tal-Qorti t-tielet talba tal-atturi tista' tiftiehem bhala talba sabiex il-Qorti tordna lill-atturi sabiex ma jaghmlux uzu mis-site ghal skopijiet ta' hazna. Inoltre u f'kull kaz, mehud in konsiderazzjoni ta'

dak li ser jinghad fil-meritu u in vista tar-raba' talba[3] m'hemmx lok li l-Qorti tiddilunga iktar fuq din l-eccezzjoni.

4. F'kwistjonijiet ta' din ix-xorta li hu rilevanti hu l-livell ta' tolleranza li gar hu mistenni li jissaporti meta jkun soggett ghal xi inkonvenjent li jigi kawzat minn haddiehor fl-ezercizzju tad-dritt tal-proprjeta' tieghu; *"dan il-grad ta' tolleranza hu essenzjalment materja ta' apprezzament ta' fatt, imholli fil-gudizzju tal-gudikant, li japplika fih, mhux biss il-principji generali ta' dritt imma wkoll dak is-sens komun li l-bniedem ordinarju kien mistenni li jkollu u jezercita fir-relazzjonijiet tieghu ma' haddiehor, fir-rispett proprju tal-principju li l-ezercizzju ta' drittijiet li kellu, sa fejn ragonevolment possibbli, ma jiddestabilizzax bla bzonn l-ordni socjali u l-jeddijiet ta' haddiehor"* (**Charles Grima nomine vs John Caruana** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999). F'din l-istess sentenza l-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza ohra moghtija mill-istess Qorti fil-kawza **Emanuele Abela vs Sebastian Zammit** deciza fis-7 ta' Ottubru 1996, fejn ikkunsidrat: *"Il-ligi tirrikonoxxi lill-proprjetarju d-dritt li jaghmel uzu liberament mill-fond tieghu u li jaghmel fih dawk il-modifikazzjonijiet li jidhirlu li jkunu ta' konvenjenza, anke meta b'dan ikun qieghed jippriva lill-gar minn xi vantagg li kellu, purche ma jikkawzax lil vicin tieghu molestja gravi……. Il-vicin jista' jagixxi fuq molestja biss meta din tkun gravi u mhux facilment tollerabbli"*. Fiha kienet saret riferenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza **Negte. Bugeja ed vs Washington et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru 1896 (Vol. XV) fejn gie osservat li ***"per misurare la gravita' della molestia devessi riguardare non solamente alla natura ma anche alla posizione e situazione dei fondi ed alle anteriorita' del possesso"*** (enfazi tal-Qorti). Kif wisq tajjeb gie osservat fil-kawza **Maria Baldacchino vs Edwin Pace** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] fl-24 ta' Novembru 2004, *"Certament materja bhal dan hi wahda ta' apprezzament ta' fatt imholli f' idejn min hu msejjah*

[3] *"Taghti kull ordni ohra li fic-cirkostanzi jidhrilha xierqa ghal protezzjoni tad-drittijiet ta' l-atturi"* (fol. 2).
[4] Imhallef Philip Sciberras.

*biex jarbitra fuq il-kwestjoni. Dan fl-ambitu mhux biss tal-principji generali tad-dritt daqskemm ukoll tal-bon sens fil kwadru ta' l-interrelazjonijiet bejn il-vicini, l-gharfien ta' dik il-psikologija li ttendi biex tezagera r-reazzjonijiet, u l-kapacita` li tinsilet il-vera raguni mill-pika"*.

5. L-ilment tal-atturi hu l-periklu li jgib mieghu l-hazna ta' kwantita kbira ta' cilindri tal-gass proprju f'art li ghandha djar konfinanti maghha. Wiehed japprezza u jifhem il-preokkupazzjoni u oggezzjoni li esprimew l-atturi meta fil-post bdew jitpoggew cilindri tal-gass. Ic-cilindri jkunu mimlijin jew vojta, u fihom ikun hemm dak li jissejjah LPG (*liquefied petroleum gas*). Kien biss fil-mori ta' dawn il-proceduri li l-atturi hadu passi u ghamlu xogholijiet fis-site in kwistjoni ntizi sabiex jipprovdu s-sigurta' fil-post. Il-Qorti hi tal-fehma li kif kienu l-affairjiet, il-periklu ghar-residenti kien evidenti u ovvju. Jekk wiehed jaqra l-parti tal-ewwel rapport li ghamel il-perit tekniku ntestata *"deskrizzjoni tal-post tal-konvenuti u l-ambjenti tal-madwar"* (fol. 87) facilment japprezza dak li qeghda tghid il-Qorti. Wiehed ma jridx jinsa li LPG hu gass invisibbli u nfjammabbli hafna u hu evidenti li fuq il-post ma kienx hemm ir-rekwiziti minimi ta' sigurta' mehtiega sabiex fuq il-post issir hazna ta' cilindri tal-gass. Mhux l-ewwel darba li smajna b'xi disgrazzja kagun ta' *leakage* ta' gass. M'hemmx dubju li fil-konsiderazzjonijiet li trid taghmel il-Qorti trid tkun gwidata minn dak li rrelata l-espert tekniku Profs. Alfred Vella fuq il-kaz. Hu rrelata (rapport 9 ta' April 2004 – konfermat bil-gurament fil-5 ta' Mejju 2004[5]) li *"Il-periklu principali li toffri hazna ta' LPG hija li* ***xi wiehed jew aktar mic-cilindri jigi sottopost ghall-hsara li ggieghel lill-materjal li johrog fl-arja meta fl-istess hin ikun hemm fil-vicinanzi xi fjammi****. Hija tahlita ta' gass li jifforma meta l-LPG jevapora ghax johrog mic-cilindru flimkien ma' l-ossignu fl-arja li tikkostitwixxi mixela splussiva:* ***biex tisplodi, tali mixxela jkollha bzonn sors ta' injizzjoni****: huwa ghalhekk mehtieg li c-cilindri jigu mahzunin taht kondizzjonijiet li jaghmlu difficli hafna li tali*

[5] Fol. 127-137 tal-kawza **Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg et** (Cit. nru: 132/1999) li qeghda tigi deciza llum ukoll.

*cirkostanzi jsehhu accidentalment flimkien u kontemporanjament fil-prattika"* (fol. 90) (enfazi tal-Qorti). Ghalhekk jidher li l-periklu hu li l-LPG jnixxi bhala gass jew likwidu. Il-Qorti qeghda tifhem li meta jnixxi bhala likwidu dan jevapora u jsir gass. Il-periklu hu li meta l-gass jiltaqa' man-nar jew xrara, jaghti lok ghall-hruq jew spluzjoni. Rilevanti wkoll li l-gass hu itqal mill-arja u ghalhekk jekk johrog il-gass dan ser jakkumula f'livell baxx u jkun perikoluz. Cilindri tal-gass li jkunu 'vojta' ghandhom xorta jkunu kunsidrati bhala sors ta' periklu in kwantu m'humiex kompletament vojta mill-gass. Ikun hemm dak li jissejjah *"residual amount of gas"*. Waqt l-access li sar fit-22 ta' Mejju 2007, *"il-perit tekniku osserva li cilindri tal-gass vojta jitqiesu li huma ta' l-istess periklu bhal tankijiet tal-gass mimlija"* (fol. 154). Il-presenza ta' dik il-kwantita' kbira ta' cilindri tal-gass li tidher fir-ritratti ezebiti fil-kawza **Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg et** (Cit. nru: 132/1999AE)

Fl-ewwel relazzjoni tal-perit tekniku, kien ghamel suggerimenti sabiex jitnehha l-periklu. Dawn kienu:-

*"(a) li fuq kull trailer jinzamm total ta' cilindri li bhala hazna ta' LPG ma jaqbizx il-5000 kg (e.g. 500 cilindru tal-10 kg jew numru inqas ta' cilindri ta' daqs ikbar) biex b'hekk ikun hemm hazna totali fil-bitha ta' 10,000 kg LPG;*

*(b) li jrid jinbena fire wall ma zewg hitan tal-bitha u tlett steel bollards fissi fuq wara u t-trailers irid jiddahhlu fil-post kif jindika l-iskizz (mhux skalat) ta' figure 2 bid-distanzi kif jurihom l-istess skizz;*

*(c) li l-fire wall ikun gholi bizzejjed biex jghatti c-cilindri kollha fuq it-trailers;*

*(d) li tigi provduta escape route adegwata (e.g. skalapiza jew garigor tal-metall) fuq in-naha ta' wara tal-bitha li tippermetti mezz ta' egress addizzjonali u facli, barra minn dik tal-bieb ta' quddiem;*

*(e) li c-cilindri jridu jinhaznu f'posizzjoni vertikali biex il-valves ikunu 'l fuq ghalkemm cilindri minghajr valves jistghu jinhaznu fuq genbhom;*

*(f) li fuq il-post jinzammu numru adegwat ta' fire extinguishers (mhux inqas minn tnejn fuq quddiem u tnejn fuq wara tal-bitha) li jigu serviced perjodikament u li jinzamm logbook tas-servicing tal-fire extinguishers;*

*(g) li mal-hajt tal-bitha jitwahhlu tabelli li jindikaw li (i) LPG huwa mahzun fl-area; (ii) lid an huwa flammable hafna u (iii) li t-tipjip jew xi sors ta' nar iehor huwa pprojbit u (iv) x'ghandu wiehed jaghmel f'kaz ta' nar;*

*(h) li jigi pprovdut reservoir ta' ilma li jesa' 300,000 litru u mezzi sabiex ikun jista' jintuza dan l-ilma kompatibbli mal-equipment tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili;*

*(i) li jekk jigi uzat equipment elettriku fil-bitha, dan ikun konformi ma' equipment tajjeb ghall-uzu f'area tat-tip Zone 2 skond standards rikonoxxuti (e.g. BSEN50014);*

*(j) li fil-bitha imkien ma ghandu jithalla jikber haxix hazin u m'ghandux jigi storjat materjal kombustibli ghajr dak li ghandu x'jaqsam mal-hanza tac-cilindri;*

*(k) li ghandu jsir mezz biex jipprotegi c-cilindri mahzunin minn hsara kkawzata minn xi crash ta' vetturi fil-post (e.g. billi jitpoggew removable steel bollards gewwa l-bitha f'post quddiem il-gate);*

*(l) li r-rixtellu ta' barra jkun maghmul minn kostruzzjoni li tippermetti li l-bitha tiqba' ivventilata tajjeb (e.g. steel mesh fuq frame tal-hadid);*

*(m) li ma jithallewx jidhlu nies fil-bitha hlief is-sidien jew l-impjegati tal-business u li ma jithallewx jidhlu nies biex jixtru l-gass;*

*(n) li ghandu jigi ppreparat pjant ta' emergenza li jinkludi fih dawk l-azzjonijiet li ghandhom jittiehdu f'kaz ta' xi*

*emergenza u li jinkludi fih x'ghandu jsir f'kaz li jkun hemm nar qrib tac-cilindri jew jekk jinstab xi leakage minn cilindri;*

*(o) dawk il-kondizzjonijiet addizzjonali kollha li xi awtorita' kompetenti jidhrilha huma xierqa"* (pagni 94-95).

Rakkomandazzjonijiet li gew bazati fuq *Code of Practice No. 7 Storage of Full and Empty LPG Cylinders and Cartridges* (LP Gas Association tal-Ingilterra) u dokument tan-*National Fire Protection Association tal-Amerika intitolat NFPA 58 Liquefied Petroleum Gas Code* (2001) li hi sors ta' awtorita fuq is-sigurta pubblika u ilha mwaqqfa sa mill-1896.

Wara l-access li sar fuq il-post (22 ta' Mejju 2007 – fol. 153) fuq inkarigu tal-Qorti, il-perit tekniku ghamel rapport addizzjonali (fol. 158-166). Irrizulta li c-cilindri tal-gass m'ghadhomx jinzammu fuq it-trailers izda giet addottata sistema ta' pallets tal-hadid (forma ta' gageg). Il-perit tekniku kkalkola li fuq il-post qeghdin jinhaznu cirka sebat elf disgha mija u hamsin kilogram (7,950kg) ta' gass, u esprima l-fehma li *"…l-akbar hazna ta' LPG li tista' issir fil-bitha in dizamina bl-uzu tal-pallets (minflok fuq it-trailers) hija li din il-hazna setghet tkun ta' daqs ta' 12,000 kg sakemm ikun hemm mezz sigur u minghajr periklu li bih ikunu jistghu jigu mmanipolati c-cilindri u sakemm l-gholi tal-fire walls jizdied halli jghatti c-cilindri kollha tal-istack"* (fol. 161). Il-perit tekniku kien qieghed jittratta zieda ta' filliera ohra ta' cilindri ta' gass imqieghda vertikalment (fol. 160). Ghal dak li huma rakkomandazzjonijiet li saru mill-perit tekniku fl-ewwel rapport li ghamel, hejja skeda fejn indika dawk ir-rakkomandazzjonijiet li twettqu u ohrajn li ghadhom ma sarux. Hekk per ezempju x-xatba li tipermetti ventilazzjoni (steel mesh).

6. Il-konvenuti qeghdin isostnu li l-opinjonijiet li esprima l-perit tekniku ma japplikawx ghal dan il-kaz ghaliex dan m'huwiex kaz ta' hazna (*storage*) u li japplika l-Avviz Legali 211 tas-sena 2003 in kwantu *"li qeghdin jaghmlu l-konvenuti hu li minflok ihallu c-cilindri pparkjati barra fit-triq, jipparkjawhom gewwa bitha ghal zmien qasir biex*

*minn hemm ihottuhom mill-gdid u jqassmuhom lill-konsumatur"*. Il-Qorti ma taqbilx. Fl-access li sar fit-22 ta' Marzu 2007 il-Qorti kkonstatat personalment li fil-post in kwistjoni qeghda ssir hazna ta' cilindri tal-gass. Fil-verbal tal-access jinghad *"il-qorti dahlet f'site li jinsab fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, Xewkija. F'din is-site hemm hazna ta' cilindri tal-gass u li jinsabu mqieghdin f'pellets tal-hadid fin-nofs tas-site bejn zewg firewalls. F'kull ringiela hemm zewg pellets u fihom kien hemm cilindri tal-gass. Fuq il-parti ta' gewwa hemm tnax-il pellet mimlijin bic-cilindri tal-gass. Vicin taghhom (pero hemm kuridur bejniethom) hemm ukoll l-istess numru ta' pellets"* (fol. 153). Dwar dan m'hemmx dubju. Hemm ukoll ir-ritratti a fol. 50 u 51 tal-kawza **Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg et** (Cit. numru 132/1999) u li titratta meritu identiku u liema kawza qeghda tigi deciza wkoll illum. Hu inekwivokabbli, jghidu x'jghidu l-atturi, li fis-site in kwistjoni qeghda ssir hazna ta' cilindri tal-gass. Skond permess mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fis-8 ta' Lulju 1999 f'isem Joseph Cauchi u Brian Magro, inghata permess *"to erect a boundary wall for yard to serve as garaging space for trailers loaded with gas cylinders"*[6]. Il-Qorti rat ukoll l-Avviz Legali 211 tal-2003 u fil-fehma taghha dan l-avviz legali m'huwiex applikabbli in kwantu jittratta **t-trasport** u mhux il-hazna. F'rapport *ex parte* li sar minn Mario Magri fuq inkarigu tal-konvenuti minn Brian Magro, jinghad li *"the purpose of the site, as stated by the owners, is to park the loaded trailers until they are transported to and from Malta or transported to another location, at Xewkija, to be unloaded onto smaller trucks for distribution"*[7]. Ikompli jghid, *"It is not the intention of the owners to store LPG cylinders in the area, as these will be kept on trailers ready for transport"*. Il-provi juru mod iehor tant li anke r-ritratti ezebiti fl-atti tal-kawza bic-citazzjoni numru 132/1999AE (ezebiti mal-affidavit ta' Catherine Curmi datat 6 ta' April 2000)[8] jikkonfermaw kemm l-informazzjoni

[6] Fol. 76 kawza fl-ismijiet **Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg et** (Cit. nru:- 132/199AE).
[7] Fol. 188 fil-kawza **Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg et** (cit. nru: 132/1999AE) deciza wkoll illum.
[8] Liema ritratti kienu diga' gew prezentati permezz ta' nota fid-29 ta' Jannar 1999 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 12/1999 u li allura jikkonferma li certament sa minn dak iz-zmien kienu qeghdin juzaw is-site ghall-hazna ta' cilindri tal-gass.

li seta' nghata Mario Magri u li fuqha bbaza r-rapport tieghu, ma kienitx korretta. Tant hu hekk li fir-risposta li pprezentaw l-konvenuti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 12/1999[9] accettaw li huma qeghdin jaghmlu hazna ta' cilindri tal-gass fis-site in kwistjoni tant li qalu, *"illi ghal dak li jirrigwarda it-tieni talba qed jigi osservat li ma hux minnu li l-hazna tac-cilindri tal-gas hija ta' xi perikolu ghall-inkolumita' tar-rikorrenti.* ***Din il-hazna hija skond struzzjonijiet moghtija mill-Korporazzjoni Enemalta*** *li certament hija l-awtorita' kompetenti f'din il-materja….* ***Iz-zona prezenti giet indikata proprju mill-Enemalta bhala zona b'karatteristici ottimali ghall-hazna ta' cilindri tal-gass****"* (enfazi tal-Qorti). Inoltre, il-Qorti wara li kellha opportunita' li tara b'ghajnejha x'qieghed isir fuq is-site, taqbel perfettament mal-fehma tal-perit tekniku li *"l-esponent mhux tal-opinjoni illi l-provvedimenti tal-avviz legali huma tali li ghandhom b'xi mod jikkawzaw li tinbidel xi konkluzjoni li kien irrakkomanda l-esponent fir-relazzjoni originali tad-9 ta' April 2004"* (fol. 121). Hi wkoll f'waqtha l-osservazzjoni li ghamel il-perit tekniku li *"…ebda wahda mill-provvedimenti msemmija fl-avviz legali ma hija specifika ghal xi lokalita' ta' hazna ta' LPG jew ta' xi materjal perikoluz iehor ghaliex din il-legislazzjoni ghandha bhala mira principali dik li tikkontrolla dak li jigri meta tali materjal jkunu qed jigu trasportati minn post ghal l-iehor fit-triq u ma tidholx fil-mertu tal-magazinagg taghhom li darba jaslu x'imkien"* (fol. 122).

7. Inoltre, l-fatt li seta' nhareg permess ta' zvilupp mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma jistax b'xi mod jippregudika d-drittijiet tal-atturi iktar u iktar meta wiehed iqies li dawn il-permessi jinhargu minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' terzi persuni. F'dan is-sens hi rilevanti dak li nghad fis-sentenza **Bugeja vs Washington** (Vol. XVI.i.88) li licenzja *"deve intendersi concessa senza pregiudizio del diritto dei terzi da farsi valere, ove occorresse, dinanzi l'autorita' giudiziaria. La concessione di tal permesso non e' che un atto amministrativo, che non e' inteso a recare preguidizio al terzo, il quale puo' in ogni tempo reclamare,*

[9] 29 ta' Jannar 1999.

*se ne e' leso"*. Sentenza li giet citata b'approvazzjoni fil-kawza **Pio Bezzina vs Giacomo Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 1955 – Vol. XXXIX.i.413). Kif l-istess ma setax jippregudika d-drittijiet ta' l-attur kieku kien hemm anterjorita' ta' l-ezistenza ta' dan is-site bhala post ghall-hazna ta' cilindri tal-gass. Fil-fatt f'din l-istess sentenza jinghad, *"F'kaz ta' stabbiliment industrijali li jiddisturba d-djar vicini, l-atnerjorita' ta' l-ezistenza tieghu ma tikkreax ghav-vantagg ta' l-industrijali dritt ta' pre-okkupazzjoni…"*. Ghalkemm l-anterjorita' ghandha tigi kunsidrata, fil-kaz taghna m'hemmx dan l-element in kwantu mill-provi rrizulta li l-atturi kienu diga' qeghdin ighixu f'darhom meta l-konvenuti bdew jahznu c-cilindri tal-gass (ara affidavit ta' Raymond Vella li ma giex kontradett).

8. Ilment iehor tal-konvenuti hu l-fatt li l-fond ta' l-atturi nbena minghajr permess ta' zvilupp u ghalhekk m'ghandhomx il-jedd li jfittxu l-protezzjoni tal-Qorti. Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2001, Mark Cini (rapprezentant tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar) xehed: *"**is-sit in kwistjoni huwa outside development area. Hekk ukoll huwa l-area ta' madwaru.** Mistoqsi rigward xi proprjeta' li giet zviluppata f'dik l-area hemm kwistjonijiet u anke hemm xi ordnijiet ta' twettiq. Niftakar kont ghamilt ricerka u hemmhekk irrizultali illi d-djar fil-maggior parti taghhom huma mibnija bla permess. Fil-fatt inkompli nispjega illi huwa fir-rigward ta' zewg siti biss fejn il-bini jidher li huwa antik illi l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghadha ma haditx xi passi…… Ma jirrizultalix illi sal-lum inhargu xi permessi li jissanaw il-posizzjoni tad-djar"* (fol. 41). Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-argument tal-konvenuti li l-atturi m'ghandhom l-ebda jedd ta' protezzjoni. Kwistjonijiet ta' zvilupp jaqghu taht il-kompetenza ta' Awtorita' mwaqqfa b'ligi. Apparti l-fatt li dwar dan ma tressqux provi sodisfacenti, m'hemmx kontestazzjoni li l-fond tal-atturi qieghed jintuza bhala d-dar ta' residenza taghhom. Bhala residenti u proprjetarji, l-atturi ghandhom kull jedd li jitolbu l-intervent tal-Qorti sabiex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom. Ovvjament fil-konsiderazzjonijiet li trid taghmel il-Qorti ser ikollha

tikkunsidra wkoll il-fatt li l-hazna qeghda ssir f'area klassifikata bhala *outside development zone*.

Min-naha l-ohra anke l-konvenuti m'humiex kuntenti b'dak li rrelata l-perit tekniku. Tant hu hekk li fin-nota ta' sottomissjonjiet li pprezentaw iddikjaraw li *"…minkejja r-rakkomandazzjonijiet kollha ta' l-espert, xorta wahda ma huwiex eliminat il-periklu u l-inkonvenjent illi qed isofru l-atturi"*. L-atturi jsemmu l-irwejjah li jiggeneraw ic-cilindri tal-gass. Fl-ewwel lok dwar dan l-ilment ma jissemma xejn fil-kawzali tac-citazzjoni. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li waqt l-access li sar fit-22 ta' Mejju 2007 ma saret l-ebda sottomissjoni f'dan is-sens u wisq inqas ma kienu jinxtammu xi rwejjah. L-atturi osservaw li *"…l-espert ma jikkummenta xejn dwar l-irwejjah li jilmentaw minnhom l-atturi kif ukoll ix-xhieda taghhom"*. Pero' jekk il-perizja teknika ma pprovatx fuq din l-allegata turbattiva, dan imur kontra t-tezi ta' l-atturi u mhux favur. Ghal dak li hu nkonvenjent wiehed ma jistax ighid li ma jezistix periklu, pero' il-Qorti hi tal-fehma li applikati s-suggerimenti li ghamel il-perit tekniku dan il-periklu jigi minimizzat. Ghalkemm l-atturi argumentaw li *"… store ta' magazzinagg ta' daqshekk tunnelati ta' cilindri tal-gass jista' jigi liberament assimilate ma' kamra tan-nar…"*[10], il-perit tekniku esprima fehma differenti: *"hawnhekk wiehed irid jiddistingwi bejn il-periklu li joffri fuel bhal ma huwa l-gass likwifikat LPG, meta dan ikun jinsab f'kontenitur kompetenti bhal cilindru tal-hadid mahdum apposta minn dak li toffri tahlita ta' fuel u oxidizer, bhal fil-kaz ta' ordinju splussiv tat-tip pirotekniku: filwaqt li tal-ahhar tirraprezenta sistema li hija inerentement instabbli di ta' l-ewwel mhix hekk. Fuel li jkun maghluq f'kontenitur, minghajr il-prezenza ta' agent ossidanti, m'ghandu ebda tendenza li jiehu n-nar jew li jisplodi. Il-periklu principali li toffri l-haza ta' LPG hija li xi wiehed jew aktar mic-cilindri jigi sottopost ghall-hsara li ggieghel lill-materjal li johrog fl-arja meta fl-istess hin ikun hemm fil-vicinanzi xi fjammi"* (fol. 89-90). Ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-perit tekniku huma proprju ntizi sabiex jigi evitat xi incident simili. L-atturi jridu jifhmu li mehud in konsiderazzjoni tan-natura teknika tal-

[10] Nota ta' sottomissjonijiet tat-13 ta' Novembru 2007.

kwistjoni u in vista li l-parir moghti mill-perit tekniku hu fih nnifsu prova, il-Qorti ma tistax tiskarta din il-fehma gialadarba ma tressqux provi kuntrarji jew xi argumenti validi li jistghu jikkonvincu lill-Qorti li ghandha tiskarta dak li rrelata l-perit tekniku.

9. Meqjus dak li rrelata l-perit tekniku, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-atturi huma *"… mhedda kull hin u kull mument mil-periklu manifest, specjalment il-periklu ta' spluzjoni"* (premessa fic-citazzjoni ta' l-atturi) ghalkemm hu fatt li l-attivita' li qeghdin iwettqu l-konvenuti jibqa' ta' inkonvenjent ghalkemm mhux tali li jaghmlu gravi u ntollerabbli diment li l-prekawzjonijiet kollha ta' sigurta' jittiehdu matul iz-zmien li l-post jibqa' jintuza ghall-hazna ta' cilindri tal-gass. Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li jrid isir hu dak li jinstab bilanc bejn id-drittijiet taz-zewg partijiet, u l-Qorti temmen li dak li rrakomanda l-perit tekniku jwassal ghal dan il-bilanc. Jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-atturi addottaw hafna mir-rakkomandazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku fl-ewwel rapport tieghu. Hu fatt li m'huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu in kwantu tali uzu jrid ikun f'limiti gusti mehud in konsiderazzjoni tad-drittijiet ta' haddiehor, in kwantu fin-nuqqas dawk id-drittijiet jigu lezi. Min-naha l-ohra r-rimedju ghandu jkun proporzjonat ma' l-inkonvenjent u ghandu, safejn ikun possibbli, ihares ukoll id-drittijiet tal-konvenuti. B'din is-soluzzjoni ma jkunx hemm dak l-inkomdu gravi li hu mehtieg biex titwaqqaf l-attivita' li qeghdin jaghmlu l-konvenuti u li minnha jidher li jaqilghu l-ghixien taghhom. Bl-adozzjoni tal-mizuri li elenka l-perit tekniku (li kif inghad hafna minnhom diga' gew attwati), il-Qorti ma tistax tqies li l-molestja lamentata mill-attur ghandha tibqa' tigi kunsidrata gravi, jigifieri tali li teccedi l-limiti tat-tolleranza li jikkostitwixxu l-vera mizura tal-buon vicinat.

10. Mehud in konsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku u li l-Qorti qeghda taddottahom fl-intjier taghhom flimkien ma' xi ohrajn li qeghda tintroduci hi stess, il-Qorti ser tordna li diment li s-site in kwistjoni tintuza ghall-hazna ta' cilindri tal-gass:-

(a) Fis-site ezistenti m'ghandux jinzamm iktar minn tnax-il elef kilogram (12,000kg) ta' LPG u m'ghandux isir xi mili ta' cilindri fil-post. Ic-cilindri ghandhom ikunu tad-daqs domestiku u ma jeccedix 15 il-kilogramm. Ghandhom japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet (fir-rigward ta' distanzi li jriedu jinzammu) li ghamel il-perit tekniku fit-tielet rapport (ara fol. 160) u m'ghandix tizdied iktar minn filliera wahda fuq dak gja ezistenti[11].

(b) Id-distanzi murija fl-iskizz li hejja l-perit tekniku u li tinsab a fol. 135 tal-kawza Cit. nru:- 132/1999 fl-ismijiet **Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg et** ghandhom jigu osservati skrupolozament. Dan l-iskizz qieghed jigi anness mas-sentenza u jifforma parti integrali minnha. Bl-istess mod ghandu jigi osservat il-mod ta' tqassim tal-hazna tac-cilindri tal-gass;

(c) Is-site ghandha f'kull zmien tinzamm nadifa u ghandu jigi zgurat li fl-ebda parti taghha ma jkun hemm xi kumulu ta' mbarazz:

(d) M'ghandux isir bejgh ta' cilindri minn gewwa s-site;

(e) Fis-site m'ghandux jithalla materjal komubstibbli ghajr ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-hazna tac-cilindri tal-gass;

(f) Il-boundary walls m'ghandhomx ikunu ta' gholi inqas minn zewg metri (2m);

(g) Ic-cilindri tal-gass ghandhom jinzammu weqfin kif jidher li qeghdin jinzammu bhalissa (mhux orrizontali) u bil-valves;

(h) Ikun hemm *fire extinguishers* fuq il-post u jinzamm log book bir-record ta' *servicing* taghhom. Il-fire extinguishers m'ghandhomx ikunu inqas minn erbgha (4)[12], u ghandhom jitqieghdu f'postijiet fejn ikunu facilment identifikabbli u accessibbli (tnejn fuq il-parti ta' quddiem u tnejn fuq il-parti ta' wara). Ghandu jigi wkoll assigurat u certifikat li l-materjal li jkun hemm f'dawn ic-cilindri ikun idoenju ghall-uzu f'site ta' din ix-xorta;

---

[11] *"Minkejja dak li ghadu kemm intqal, izda, l-esponent ihoss li wiehed ma kellux jikkonsidra izid aktar minn filliera wahda ta' cilindri ghaliex b'hekk kien jikber ir-riskju fl-immaniggjar tac-cilindri anke bl-uzu ta' fork lifter ta' daqs approprijat ghal dan ix-xoghol"* – rapport tal-perit tekniku (fol. 160).

[12] Waqt l-access li sar fit-22 ta' Mejju 2007 kien diga' hemm erbgha (4) *fire extinguishers*.

(i) Fis-site ghandu jkun hemm giebja li tkun tesa minimu ta’ tlett mitt elf litru (300,000) ilma. Waqt l-access irrizulta li diga’ hemm giebja pero’ ma sarux verifiki dwar id-daqs. Il-bokk tal-giebja ghandha tinzamm maghluqa;
(j) Ghandha ssir sistema li bih l-ilma mill-giebja jkun jista’ jittella’ minghajr ma wiehed jidhol fil-parti retrostanti tas-site (in kwantu waqt l-access irrizulta li l-giebja saret fuq il-parti ta’ wara nett tas-site). Dan sabiex f’kaz ta’ incendju min ikollu bzonn jaghmel uzu mill-ilma ma jkollux il-htiega li jidhol hdejn ic-cilindri (ara rakkomandazzjoni tal-perit tekniku a fol. 164). Pajpijiet tal-ilma ghandhom ikunu *fire hose tubing* li jkollu *jet spray hose nozzle* fit-tarf u jinzamm fuq *fire hose reel*.
(k) *Escape Route* fuq in-naha ta’ wara tas-site u liema area ghandha tithalla libera f’kull zmien;
(l) Access ghal gewwa s-site ghandu jkun biss ghal persuni li huma kompetenti u imharrgin b’mod li jkunu jafu x’ghandhom jaghmlu f’kaz ta’ emergenza;
(m) Fis-site m’ghandhomx jinzammu *electrical fittings* jekk ma jkunx qabel gie certifikat minn persuni kwalifikati u kompetenti fil-qasam u li jkun tali li jista’ jintuza f’area tat-tip Zone 2 skond standards rikonoxxuti (ezempju BSEN50014);
(n) Ghandhom jitwahhlu (mal-hitan ta’ barra u ta’ gewwa) tabelli li jindikaw li l-post hu **LPG storage area**, l-kontenut hu infjammabbli u t-tipjip mhux permess (mir-rapport tal-perit tekniku u l-access li sar, jirrizulta li diga’ twahhlu xi tabbelli);
(o) Fis-site m’ghandhomx jidhlu vetturi hlief dak li hu minimament mehtieg sabiex jinhattu u jitghabbew ic-cilindri waqt li jkun qieghed isir dan il-process. Lanqas m’ghandhom jinzammu xi vetturi gewwa s-site (b’eccezzjoni tal-fork lifter li jintuza). Il-forklifter li qieghed jintuza bhalissa m’ghandux jithalla f’distanza ta’ inqas minn tlett metri (3m) mill-eqreb cilindru tal-gass, u meta ma jkunx qieghed jintuza l-batterija tieghu ghandha tkun *skonnettjata*. Il-forklifter ghandu wkoll ikollu *fire-extinguisher portable*. Inoltre, jekk ser tizdied filliera ohra fuq dawk li diga’ hemm sabiex jizdied il-volum ta’ cilindri tal-gass (hazna totali ma tista’ teccedi 12,000kg), il-

forklifter li jintuza jrid jigi certifikat li hu tajjeb biex isir il-*loading*, *unloading* u maniggjar tac-cilindri;

(p) L-art tas-site ghandha tinghata l-konkos sabiex b'hekk jigi evitat il-periklu li jikber haxix hazing u jsir qlib adegwat sabiex *"l-ilma tax-xita jiskula u ma jingabarx madwar ic-cilindri"* (rakkomandazzjoni tal-perit tekniku a fol. 164);

(q) Il-kancell ghandu jkun tat-tip li jhalli ventilazzjoni (*steel mesh*) u ghandu jinfetah il-barra u m'ghandux ikun tat-tip *self-locking*. Fil-hin li ma jkun hemm hadd fis-site ghandu jkun imsakkar;

(r) Il-gageg fejn jinzammu c-cilindri m'ghandhomx ikunu f'livell iktar gholi mill-firewalls, liema firewalls ghandhom jibqghu fil-post diment li s-site tibqa' tintuza ghal dan l-iskop. Il-firewalls ghandu jkollhom distanza minima ta' tlett metri (3m) mill-hitan divizorji;

(s) Bejgh ta' cilindri m'ghandux isir mis-site in kwistjoni;

(t) Ghandhom jitqieghdu *steel bollards* fl-entratura (tat-tip li jkunu jistghu jitnehhew) u jkunu tali li jservu bhala *crash barrier*. Ghalhekk iridu jkunu b'sahhithom bizzejjed sabiex jifilhu mpatt ta' vettura;

(u) Ghandhom isiru wkoll tlett bollards fissi fuq il-parti ta' wara tas-site li jifirdu l-parti fejn hemm ic-cilindri mill-parti fejn hemm il-bir;

(v) Ghandu jkun hemm pjan ta' emergenza kif propost mill-perit tekniku (fol. 164);

(w) Il-kuriduri (spazju) li hemm bejn fejn hemm ic-cilindri tal-gass u l-firewalls ghandhom jithallew liberi u zgombri minn kull oggett (kif kienu dakinhar ta' l-access);

(x) Il-fili tal-hitan (kemm *fire-walls* u hitan divizorji li jiccirkondaw is-site) ghandhom ikunu kollha maghluqin;

(y) Hdejn is-site il-konvenuti m'ghandhomx ihallu jew jippermettu li jithallew ipparkjati trailers bic-cilindri tal-gass, kif jidher fir-ritratti ezebiti mal-atturi man-nota li giet prezentata fil-21 ta' Jannar 2008;

(z) Hdejn ic-cilindri tal-gass m'ghandux isir uzu minn xi apparat (ghajr ghall-mezz mekkaniku biex jingarru c-cilindri), inkluz mobiles, li jista' jaghti lok ghal *spark*;

Kif ghandu jirrizulta mill-ahhar rapport li ghamel il-perit tekniku, diversi minn dawn il-kondizzjonijet gew imwettqa fil-mori ta' dawn il-proceduri. Fit-30 ta' Ottubru 2007 il-konvenuti pprezentaw nota li permezz taghha ghamlu riferenza ghall-affarijiet li dwarhom irrimarka l-perit tekniku fl-ahhar rapport, dak a fol. 158-165, u li skond huma gew sodisfatti. Dwar dan ghad hemm lok li jsiru xi verifiki fuq il-post.

Dan kollu qieghed jinghad salv u mpregudikat kwalsiasi permessi li huma mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti jew xi kondizzjonijiet ulterjuri li jistghu jigu mposti minn awtoritajiet ohra, u jekk hemmx xi ksur tal-permess mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fit-8 ta' Lulju 1999 (numru 934/98).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Emmanuel u Catherine Buttigieg u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ghall-atturi.

2. Tichad it-tieni, tielet u raba' eccezzjoni ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

3. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti b'dan li fir-rigward tat-talbiet tal-atturi tipprovdi billi tghid li tassew l-atturi kienu qeghdin isofru inkonvenjent bl-uzu tas-site bhala post ghall-hazna ta' cilindri tal-gass, liema molestja pero' ma tistax titqies intollerabbli u gravi tali li l-konvenuti m'ghandhomx jithallew jaghmlu uzu mis-site ghall-hazna ta' cilindri tal-gass in vista tax-xogholijiet li diga' saru fis-site u diment li l-kondizzjonijiet kollha mposti mill-Qorti (intiza ghal skopijiet ta' sigurta') permezz ta' din is-sentenza jigu osservati. Ghalhekk il-Qorti qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex josservaw u jwettqu l-ordnijiet kollha msemmija f'paragrafu numru ghaxra (10) ta' din is-sentenza (li whud minnhom diga' gew sodisfatti – ara skeda fol. 162 u 164 annessa mat-tielet rapport tal-perit tekniku), u fejn hemm bzonn li jsiru xi verifiki jew xogholijiet qeghda tistabbilixxi terminu ta' erbgha (4) xhur

mil-lum sabiex il-konvenuti jwettqu dak kollu ordnat mill-Qorti taht is-supervizjoni u direzzjoni tal-Professur Alfred Vella, li wara ghandu jiddikjara b'nota li x-xogholijiet u dak li ordnat il-Qorti, fil-fatt sar. Ghal finijiet ta' verifiki u supervizjoni u direzzjoni ta' xogholijiet dwar id-daqs tal-giebja u l-ghoti tal-konkos fl-art tas-site in kwistjoni, qieghed jigi mahtur il-perit Valerio Schembri li fil-qadi ta' l-inkarigu tieghu ghandu jikkonsulta mal-Professur Alfred Vella. Dan kollu ghas-spejjez tal-konvenuti Joseph Cauchi u Brian Magro. Fl-eventwalita' li x-xogholijiet li fadal x'isiru ma jitlestewx fit-terminu moghti jew f'dak iz-zmien ulterjuri li l-Qorti tista' tikkoncedi wara talba li ghandha ssir b'rikors, il-konvenuti Brian Magro u Joseph Cauchi ma jkunux jistghu jaghmlu uzu mis-site ghall-hazna sakemm jeffetwaw ir-rimedji kollha fuq indikati.

4. In vista ta' dak li gie deciz hawn fuq, tichad it-tielet talba tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Salv ghall-ispejjez tal-ewwel eccezzjoni u t-tielet talba li jkunu a karigu tal-atturi, spejjez kollha l-ohra (inkluzi dawk relatati mal-mandat ta' inibizzjoni numru 21/1999 fl-ismijiet **Raymond Vella et vs Emanuel Buttigieg et**) huma a karigu tal-konvenuti Brian Magro u Joseph Cauchi mehud ukoll in konsiderazzjoni li kien biss wara li gew intavolati dawn il-proceduri li l-konvenuti ghamlu xogholijiet (u fadal xi jsir) sabiex il-post jigi addattat biex fih issir hazna ta' cilindri tal-gass.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------